**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 4 ta` Ottubru 2016**

**Fl-atti tar-rikors ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni Nru. 1303/2016 JZM fl-ismijiet :**

**Avukat Dr Daniel Buttigieg (ID 158087M) ghan-nom u in rappreżentanza ta` Romolo Anzilotti (Passaport Taljan Nru. AN7846974)**

***kontra***

**1. VTS – Vehicle Technical Service Limited (C37309)**

**2. Matthew Mangion (ID 103785M)**

**3. Francesco Altobelli (Passaport Taljan Nru 6518992)**

**4. Glindi Ltd (C45352)**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Ir-rikorrent ipprezenta rikors ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni ("il-Mandat") kontra l-intimati fid-9 ta` Settembru 2016.

Mar-rikors, kienu prezentati dokumenti.

Fid-9 ta` Settembru 2016, il-Qorti tat digriet fejn, wara li laqghet provizorjament it-talba ghall-hrug tal-Mandat, ordnat in-notifika tal-atti lill-intimati, tathom ghaxart (10) ijiem zmien biex iwiegbu bil-miktub, u appuntat ir-rikors ghas-smigh ghas-27 ta` Settembru 2016 fid-9.00 a.m.

L-intimati VTS – Vehicle Technical Service Limited, Matthew Mangion u Glindi Ltd kienu notifikati fid-9 ta` Settembru 2016.

L-intimata VTS – Vehicle Technical Service Limited ipprezentat risposta fid-19 ta` Settembru 2016. Mar-risposta, ipprezentat dokumenti.

L-intimat Matthew Mangion ipprezenta risposta fid-19 ta` Settembru 2016 ; ipprezenta maghha ghadd gmielu ta` dokumenti. In segwitu pprezenta wkoll affidavit tieghu b`dokumenti ohra.

Ghalkemm ma tirrizultax prova ta` notifika, l-intimat Francesco Altobelli, rapprezentat mill-mandatarju tieghu Av. Kris Borg, ipprezenta risposta fid-19 ta` Settembru 2016 wkoll, flimkien ma` dokumenti.

Fit-22 ta` Settembru 2016, l-Awtorita` ta` Malta ghall-Kompetizzjoni u ghall-Affarijiet tal-Konsumatur ipprezentat rikors b`talba sabiex tintervjeni fil-procediment tal-lum *in statu et terminis* ; mar-rikors ipprezentat dokumenti.

Ir-rikors ghall-hrug tal-Mandat kien ittrattat fl-udjenza tas-27 ta` Settembru 2016. Fl-udjenza, il-Qorti kkostatat illi l-intimata Glindi Limited ma pprezentatx risposta. Fl-istess udjenza, il-Qorti cahdet it-talba ta` l-Awtorita` ta` Malta ghall-Kompetizzjoni u ghall-Affarijiet tal-Konsumatur ghall-intervent *in statu et terminis.* Wara li semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet, halliet il-procediment ghall-ghoti ta` provvediment kamerali.

Dan huwa l-provvediment.

## II. <u>It-talba</u>

**Ir-rikorrent <u>talab</u> lill-Qorti sabiex tordna l-hrug ta` l-Mandat sabiex l-intimati jinzammu milli jaghmlu jew jircievu pagamenti ghan-nom tas-socjeta` VTS – Vehicle Technical Service Limited, milli jircievu jew jaghmlu ordnijiet ghan-nom ta` l-istess socjeta`, milli jiehdu decizjonijiet dwar l-istess socjeta` jew milli jaghmlu kull att amministrattiv iehor minghajr l-awtorizzazzjoni tar-rikorrent, sakemm jinhatar amministratur provvizorju u/jew rapprezentant, mill-Qorti li ser tkun qeghda tidderemina l-kaz fil-mertu.**

## III. <u>Dritt</u>

Id-disposizzjoni li tirregola dan il-procediment hija l-**<u>Art 873 tal-Kap 12</u>**. L-artikolu huwa kompost minn erba` subincizi. Dawk rilevanti ghall-kaz tal-lum huma l-ewwel tnejn. Ighidu hekk :-

*(1) L-iskop tal-mandat ta` inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tkun li tista` tkun ta` pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*

*(2) Il-qorti m`ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.*

Minn analizi tas-subincizi (1) u (2) tal-Art 873 tal-Kap 12, ghandu jinghad illi l-Qorti hija prekluza milli tordna l-hrug tal-Mandat, **<u>sakemm</u>** ma jirrikorrux dawn ir-rekwiziti :-

i) Illi l-Mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrenti ;
ii) Illi jkun jidher sal-livell ta` *prima facie* li l-parti rikorrenti ghandha dawk il-jeddijiet ;
iii) Illi bil-fatt illi ma jkunx ordnat il-hrug tal-Mandat, il-pregudizzju li garrab il-parti rikorrenti jkun irrimedjabbli.

## IV. **Gurisprudenza**

Il-Qorti sejra taghmel riferenza ghal principji li hargu mill-gurisprudenza tal-qrati taghna dwar kif ghandhom jitqiesu r-rekwiziti ghall-hrug tal-Mandat :-

1) Dwar il-prova *prima facie* tal-jeddijiet, fis-sentenza taghha tal-14 ta` Lulju 1988 fil-kawza **Grech pro et noe vs Manfre`** (Kollez. Vol. LXXII.II.290) il-Qorti tal-Appell qalet hekk –

*... huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru `prima facie`, ma` l-ewwel daqqa t`ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat.*

2) L-elementi li jwasslu ghall-hrug tal-Mandat huma kumulattivi **mhux** alternattivi. Li allura jfisser illi jekk xi wiehed minnhom ma jirrizultax, il-Qorti hija obbligata tichad it-talba ghall-hrug ta` l-Mandat.

3) Il-procedura tal-Mandat hija eccezzjonali u straordinarja ("**Xuereb noe vs Hili noe**" : Qorti tal-Kummerc : 22 ta` Settembru 1994).

4) Il-procedura tal-lum hija mahsuba biex tkun wahda sommarja. Huwa propju ghalhekk li l-ligi stabbiliet zminijiet qosra u precizi li fihom il-Qorti ghandha tilqa` jew tichad it-talba ghall-hrug ta` l-Mandat.

## V. **Risultanzi**

Il-Qorti sejra tittratta l-ewwel il-kwistjoni dwar jekk ir-rikorrenti ghandux jedd *prima facie* li jitlob il-hrug tal-Mandat. Sejra taghmel dan ghaliex jekk jirrizulta li ma hemmx dan il-jedd *prima facie* ikun ghal kollox inutili li tistharreg jekk jissussistux ir-rekwiziti l-ohra ghall-hrug tal-Mandat ladarba r-rekwiziti huma kumulattivi mhux alternattivi.

Tirrileva illi mhux biss mill-mod kif kien impostat ir-rikors, izda anke mill-manjiera kif ir-rikorrent ittenta jsostni u jiddokumenta t-talba, huwa evidenti illi r-rikorrent mar dritt biex jittratta l-mertu tal-kwistjoni li ghandu mal-intimati jew min minnhom. Ghaliex ghamel din l-ghazla, ir-rikorrent ipprovoka reazzjoni mill-intimati li marret ukoll dritt ghall-mertu tal-vertenza. Jidher evidenti li t-

trattazzjoni dwar r-rekwiziti ghall-hrug tal-Mandat hadet importanza marginali meta propju din mhux il-mertu kellha din kellha tkun il-pern tal-kwistjoni.

Dan premess il-Qorti tafferma li mhuwiex mistenni li jitressaq quddiemha fi procediment bhal dak tal-lum, kull ma ghandu jitressaq quddiemha waqt is-smigh tal-kawza dwar il-jedd. Unikament ghall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta` din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Hadd mill-partijiet ma jista` jew m`ghandu jippretendi li bil-metodu sommarju ghandha tkun propju din il-Qorti li tiddeciedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-procedura specjali u partikolari tal-Mandat ta` Inibizzjoni. Il-mansjoni ta` din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu izda huwa limitat u cirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv Mandat ta` Inibizzjoni.

Dan affermat din il-Qorti tghid illi bil-mod kif kienet impostata t-talba ma ssibx li r-rikorrent ghandu jedd *prima facie* li jitlob il-hrug tal-Mandat. Tghid hekk ghaliex ir-rikorrent stess **rabat** dak li qed jitlob lill-Qorti sabiex ma thallix lill-intimati milli jaghmlu *sakemm jigi mahtur amministratur provvizorju u/jew rapprezentant mill-Qorti li sejra tiddetermina l-mertu.* Ladarba kemm it-talba ghall-hrug tal-Mandat, kif ukoll il-mertu, jitilqu t-tnejn minn pretensjonijiet tar-rikorrent skont l-Art 402 tal-Kap 386, allura ma jistax ikun hemm hatra ta` amministratur provvizorju billi, kif kien ikkonfermat fil-provvediment ta` din il-Qorti moghti fis-16 ta` Dicembru 2010 fil-kawza "**Apap Bologna vs Bianchi et**", ma jistax ikun hemm hatra ta` amministratur provvizorju fi procediment skont l-Art 402 tal-Kap 386, waqt li mhux definit jew specifikat xi jrid ifisser ir-rikorrent b`*rapprezentant* fit-talba tieghu tenut kont tal-ghadd gmielu ta` dokumenti li kienu esebiti miz-zewg nahat.

Kostatati dawn il-problemi ta` natura legali li ma jsostnux it-talba *prima facie* tar-rikorrent ghall-hrug tal-Mandat, din il-Qorti tkompli tosserva illi bil-fatt illi tkun michuda talba ghall-hrug tal-Mandat, m`ghandux ifisser li l-jedd fil-mertu qieghed ikun michud. Kif daqstant iehor ma jfissirx illi l-fatt li tintlaqa` talba ghall-hrug ta` l-Mandat, m`ghandux ifisser li l-jedd fil-mertu huwa ppruvat.

**Ladarba fil-fehma taghha ma jirrizultax il-jedd *prima facie,* huwa ghal kollox inutili ghal din il-Qorti li tistharreg is-sussistenza tar-rekwiziti l-ohra.**

**Provvediment**

**Għar-raġunijiet kollha premessi, il-Qorti, filwaqt illi qegħda tirrevoka *contrario imperio* d-digriet li tat fid-9 ta` Settembru 2016 safejn laqgħet provvizorjament it-talba għall-ħruġ tal-Mandat, qegħda tiċħad it-talba tar-rikorrent kif dedotta fir-rikors tiegħu tad-9 ta` Settembru 2016.**

**Tordna li l-ispejjeż ta` dan il-proċediment jibqgħu riservati għall-ġudizzju finali fil-kawża dwar il-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**